# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Novembru 2024**

**Avviz numru: 144/2023 MLF**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Teklu Dayre Misghina**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' hamest elef, hamsa u erbghin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€5,045.54) b'referenza ghall-bejgh tal-vettura ossia Vitz b'Chassis No. KSP90-5225568 kkonsenjata lilu skond Hire Purchase Agreement tal-21 ta' Novembru 2018, li kopja tieghu giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala "Dok A", oltre l-imghax legali, rapprezentanti in kwantu f'bilanc ta' kapital u interessi li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu u dan skond id-dokument anness u mmarkat bhala "Dok B" u dana kif kien interpellat ihallas skond l-Ittra Ufficjali mibghuta lilu ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata fit-30 ta' Marzu 2023 annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala "Dok C"

Is-socjeta attrici ghamlet riferenza wkoll ghall-mandat ta' sekwestru anness mar-rikors

promotur u mmarkat bhala "Dok D", li kellu jigi intavolat mis-socjeta rikorrenti sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet taghha bhala kreditrici tal-konvenut

Minkejja li l-konvenut gie interpellat ripetutament biex ihallas l-imsemmi ammont dovut, hu baqa inadempjenti u baqa ma hallsux. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra tieghu.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

2. Rat li fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2023, deher il-konvenut assistit mill-avukat difensur tieghu nonostante li l-proceduri ghan-notifika tieghu kienu ghadhom ma gewx finalizzati, u ta ruhu b'notifikat bl-avviz tas-smiegh. Pero ghalkemm fuq talba tieghu stess, gie moghti differiment sabiex jipprezenta risposta sas-seduta sussegwenti, hu naqas li jaghmel dan, u lanqas deher fis-seduti sussegwenti.

3. Rat li fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2024 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut

4. Rat li fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2024 il-konvenut naqas li jidher minkejja li gie imsejjah tlett darbiet, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

5. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti ipprezentati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Kif diga inghad, ladarba l-konvenut ma deherx fis-seduta intiza ghas-subizzjoni tieghu, il-kapitolu ipprezentat mis-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

7. Fix-xhieda taghha l-Avukat Petra Grima in rapprezentanza tas-socjeta attrici spjegat in-natura tal-kreditu pretiz, u l-mod kif gie kalkulat. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ma taghtix affidament lil din ix-xhieda ghal dak li jirrigwarda l-ammont tal-kambjali li ma gewx imhallsa, u l-imghax dovut fuqhom.

8. Pero minn din ix-xhieda jirrizulta li s-socjeta intimata qieghda tippretendi l-hlas ghall-ispejjez tal-ispedizzjoni ta' ittra bonarja fl-ammont ta' hamsin Euro (€50.00). Effettivament din il-pretensjoni qieghda wkoll fl-ittra ufficjali mibghuta lill-konvenut fit-30 ta' Marzu 2023 ai termini tal-Artikoli 166A tal-Kodici ta' Procedura Civili. Pero s-socjeta attrici ma resqet l-ebda prova ta' din l-ittra bonarja, wisq inqas ma ipprezentat it-taxxa tar-Registratur ghal din l-ittra. Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas ta' dawn l-allegati ispejjez legali ma tistax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

9. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija u hamsa u disghin Euro u u erbgha u hamsin centezmu (€4,995.54) bl-imghax mill-5 ta' Ottubru 2023 – data tan-notifika tar-rikors promotur - sad-data tal-hlas effettiv, u tichadha ghall-kumplament.

10. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**